

Il-Ġurnal Uffiċjali L 456 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

20 ta' Diċembru 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2257 tal-10 ta' Diċembru 2021 li tiddetermina l-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 (notifikata bid-dokument C(2021) 8864).....** 1
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2258 tal-14 ta' Diċembru 2021 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Green VAT - VAT Ekoloġiku tal-UE biex jstimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi" skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2021) 9041)** 17

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2257

tal-10 ta' Diċembru 2021

li tiddetermina l-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal sustanzi kkontrollati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022

(notifikata bid-dokument C(2021) 8864)

(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bit-Taljan u l-Ungeriż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2) u 16(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni ta' sustanzi kkontrollati importati huwa soġġett għal limiti kwantitattivi.
- (2) Il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina dawk il-limiti u talloka l-kwoti lill-impriżi.
- (3) Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina l-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati minbarra l-idroklorofluworokarburi li jistgħu jintużaw għal użi essenzjali fil-laboratorju u għal użi analitiċi, u l-impriżi li jistgħu jużawhom.
- (4) Id-determinazzjoni tal-kwoti allokatu għal użi essenzjali fil-laboratorju u għal użi analitiċi għandha tiżgura li jiġu osservati l-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009, permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 537/2011 ⁽²⁾. Billi dawk il-limiti kwantitattivi jinkludu kwantitajiet ta' idroklorofluworokarburi li huma liċenzjati għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi, il-produzzjoni u l-importazzjoni tal-idroklorofluworokarburi għal dawk l-użi jenħtieġ li jkunu koperti wkoll minn dik l-allokkazzjoni.
- (5) Il-Kummissjoni ppubblikat avviż għall-impriżi li fl-2022 beħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn jew mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-impriżi li fl-2022 beħsiebhom jipproduċu jew jimportaw dawn is-sustanzi għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi ⁽³⁾, u b'hekk irċeviet dikjarazzjonijiet dwar l-importazzjonijiet maħsuba għall-2022.

⁽¹⁾ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 537/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 dwar il-mekkaniżmu għall-allokkazzjoni tal-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, ĠU L 147, 2.6.2011, p. 4.

⁽³⁾ ĠU C 104, 26.3.2021, p. 6.

- (6) Il-limiti kwantitattivi u l-kwoti jenħtieġ li jiġu ddeterminati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022, skont iċ-ċiklu tar-rappurtar annwali fil-kuntest tal-Protokoll ta' Montreal dwar is-Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Limiti kwantitattivi għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa

Il-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 li jstgħu jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni fl-2022 minn sorsi 'l barra mill-Unjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Sustanzi kkontrollati	Kwantità (f'kilogrammi ta' potenzjal li jnaqqas l-ożonu (ODP))
Grupp I (klorofluworokarburi 11, 12, 113, 114 u 115) u grupp II (klorofluworokarburi kompletament aloġenati oħrajn)	500 550,00
Grupp III (aloni)	25 644 250,00
Grupp IV (tetraklorur tal-karbonju)	24 530 561,00
Grupp V (1,1,1-trikloroetan)	2 500 000,00
Grupp VI (bromur tal-metil)	630 835,20
Grupp VII (idrobromofluworokarburi)	4 569,16
Grupp VIII (idroklorofluworokarburi)	4 933 484,75
Grupp IX (bromoklorometan)	264 024,00

Artikolu 2

Allokazzjoni tal-kwoti għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa

- Il-kwoti għall-klorofluworokarburi 11, 12, 113, 114 u 115 u għall-klorofluworokarburi kompletament aloġenati oħrajn matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness I.
- Il-kwoti għall-aloni matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness II.
- Il-kwoti għat-tetraklorur tal-karbonju matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness III.
- Il-kwoti għall-1,1,1-trikloroetan matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness IV.
- Il-kwoti għall-bromur tal-metil matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness V.
- Il-kwoti għall-idrobromofluworokarburi matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness VI.
- Il-kwoti għall-idroklorofluworokarburi matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokatati għall-finijiet indikati u lill-impriżi indikati fl-Anness VII.

8. Il-kwoti għall-bromoklorometan matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 huma allokati għall-finijiet indikati u lill-imprezzi indikati fl-Anness VIII.
9. Il-kwoti individwali għall-imprezzi għandhom ikunu kif stipulati fl-Anness IX.

Artikolu 3

Kwoti għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi

Il-kwoti għall-importazzjoni u għall-produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi fis-sena 2022 għandhom jiġu allokati lill-imprezzi elenkati fl-Anness X.

Il-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu prodotti jew importati fl-2022 għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi allokati lil dawk l-imprezzi huma stipulati fl-Anness XI.

Artikolu 4

Perjodu ta' validità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 5

Destinatari

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-imprezzi li ġejjin:

1	A-Gas Deutschland GmbH Bei den Kämpen 22 21220 Seevetal Il-Ġermanja	2	Abcr GmbH Im Schlebert 10 76187 Karlsruhe Il-Ġermanja
3	Agilent Technologies Manufacturing GmbH & Co. KG Hewlett-Packard-Str. 8 D-76337 Waldbronn Il-Ġermanja	4	Air Products GmbH An der Kost Hattingen Il-Ġermanja
5	Albemarle Europe SPRL Parc Scientifique Einstein, Rue du Bosquet 9 B-1348 Louvain-la-Neuve Il-Belġju	6	ARKEMA FRANCE Rue Estienne d'Orves 420 92705 COLOMBES CEDEX Franza
7	ATELIERS BIGATA SASU RUE JEAN-BAPTISTE PERRIN 10 33320 EYSINES Franza	8	BASF Agri-Production S.A.S. Rue de Verdun 32 76410 Saint-Aubin Les Elbeuf Franza
9	Bayer AG Alfred-Nobel-Str. 50 40789 Monheim Il-Ġermanja	10	Biovit d.o.o. Varzadinska ulica - Odvojak II 15 HR-42000 Varazdin Il-Kroazja
11	Blue Cube Germany Assets GmbH & Co. KG Buetzflether Sand 2 21683 Stade Il-Ġermanja	12	BTC B.V. Albert Thijsstraat 65 6471WX Eijgelshoven In-Netherlands
13	Ceram Optec SIA Skanstes street 7 K-1 LV-1013 Riga Il-Latvja	14	Chemours Netherlands B.V. Baanhoekweg 22 3313LA Dordrecht In-Netherlands

15	Daikin Refrigerants Frankfurt GmbH Industriepark Hoechst D821 65926 Frankfurt Il-Ġermanja	16	Dyneon GmbH Industrieparkstr. 1 84508 Burgkirchen Il-Ġermanja
17	EAF protect s.r.o. Karlovarská 131/50 35002 Cheb 2 Ir-Repubblika Ċeka	18	FOT LTD Ovcha kupel 13 1618 Sofia Il-Bulgarija
19	Freie Universität Berlin Fabeckstr. 34/36 14195 Berlin Il-Ġermanja	20	Gedeon Richter Plc. Gyömrői út 19-21. H-1103 Budapest L-Ungerija
21	GHC Gerling, Holz & Co. Handels GmbH Ruhrstr. 113 22761 Hamburg Il-Ġermanja	22	GIELLE INDUSTRIES di Luigi Galantucci VIA FERRI ROCCO 32 70022 ALTAMURA L-Italja
23	Hovione FarmaCiencia SA Quinta de S. Pedro - Sete Casas 2674-506 Loures Il-Portugall	24	Hudson Technologies Europe S.r.l. Via degli Olmetti 39/E 00060 Formello L-Italja
25	Hugen Maintenance for Aircraft B.V. Marketing 43 6921 Duiven In-Netherlands	26	Hugen Reprocessing Company Dutch Halonbank bv Marketing 43 6921 RE Duiven In-Netherlands
27	ICL EUROPE COOPERATIEF U.A. Koningin Wilhelminaplein 30 1062 KR Amsterdam In-Netherlands	28	INTERGEO LTD INDUSTRIAL PARK OF THERMI 57001 THESSALONIKI Il-Greċja
29	L'HOTELLIER SAS Rue Henri Poincaré 4 92160 ANTONY Franza	30	Labmix24 GmbH Industriestr. 18 A 46499 Hamminkeln Il-Ġermanja
31	LABORATORIOS MIRET S.A. Geminis 4 08228 Terrassa Spanja	32	LGC Standards GmbH Mercatorstr. 51 46485 Wesel Il-Ġermanja
33	Martec SpA Via dell'industria 1 I-20060 Vignate L-Italja	34	MEBROM NV SUIKERKAAI 66 9060 ZELZATE Il-Belġju
35	Mebrom Technology NV Antwerpsesteenweg 45 2830 Willebroek Il-Belġju	36	Neochema GmbH Am Kümmerling 37 A 55294 Bodenheim Il-Ġermanja
37	P.U. POZ-PLISZKA Sp. z o.o. Mialki Szlak 52 80-717 Gdansk Il-Polonja	38	Philipps-Universität Marburg Biegenstrasse 10 35032 Marburg Il-Ġermanja
39	R.P. CHEM s.r.l. Via San Michele 47 31032 Casale sul Sile (TV) L-Italja	40	Restek France Avenue du General de Gaulle 7 91090 Lisses Franza

41	Restek GmbH Schaberweg 23 Bad Homburg Il-Ġermanja	42	Restek S.r.l. Via G. Miglioli 2/A 20063 Cernusco sul Naviglio L-Italja
43	Safety Hi-Tech srl Via Bellini 22 00198 Roma L-Italja	44	Saltigo GmbH Kaiser-Wilhelm-Allee 40 51373 Leverkusen Il-Ġermanja
45	SANOFI CHIMIE LE BOURG 63480 VERTOLAYE Franza	46	Savi Technologie sp. z o.o. sp. k. Psary Wolnosci 20 51-180 Wroclaw Il-Polonja
47	SIGMA ALDRICH CHIMIE sarl Rue de Luzais 80 38070 SAINT QUENTIN FALLAVIER Franza	48	Sigma-Aldrich Chemie GmbH Riedstraße 2 89555 Steinheim Il-Ġermanja
49	Solvay Fluor GmbH Hans-Boeckler-Allee 20 30173 Hannover Il-Ġermanja	50	Solvay Specialty Polymers France SAS Avenue de la Republique 39501 Tavaux Cedex Franza
51	Solvay Specialty Polymers Italy SpA Viale Lombardia 20 20021 Bollate L-Italja	52	Sterling Chemical Malta Limited Ħal Far Industrial Estate HF 51 1504 FLORIANA Malta
53	Sterling SpA Via della Carboneria 30 06073 Solomeo - Corciano (PG) L-Italja	54	Tazzetti SAU Calle Roma 2 28813 Torres de la Alameda Spanja
55	Tazzetti SpA Corso Europa 600/A 10088 Volpiano L-Italja	56	TECHLAB SARL La tannerie 4C 57072 METZ CEDEX 3 Franza
57	TEGA - Technische Gase und Gasetechnik GmbH Werner-von-Siemens-Str. 18 D-97076 Würzburg Il-Ġermanja	58	Tusnovics Instruments Sp. z o.o. Bociana 4 A/49 A 31-231 Kraków Il-Polonja
59	ULTRA Scientific Italia srl Via emilia 51/D 40011 Anzola emilia L-Italja	60	UTM Umwelt-Technik-Metallrecycling GmbH Alt-Herrenwyk 12 23569 Lübeck Il-Ġermanja
61	VALLISCOR EUROPA LIMITED 13-18 City Quay D02 ED70 Dublin L-Irlanda		

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
Viċi President Eżekuttiv

ANNEX I

GRUPPI I u II

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-klorofluworokarburi 11, 12, 113, 114 u 115 u klorofluworokarburi kompletament aloġenati oħrajn allokatu lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima u aġenti tal-ipproċessar matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Abcr GmbH (DE)

Solvay Specialty Polymers Italy SpA (IT)

Tazzetti SAU (ES)

Tazzetti SpA (IT)

TEGA - Technische Gase und Gasetechnik GmbH (DE)

ANNEX II

GRUPP III

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-aloni allokat lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima u għal użi kritiċi matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

A-Gas Deutschland GmbH (DE)

Abcr GmbH (DE)

ARKEMA FRANCE (FR)

ATELIERS BIGATA SASU (FR)

BASF Agri-Production S.A.S. (FR)

BTC B.V. (NL)

EAF protect s.r.o. (CZ)

GIELLE INDUSTRIES di Luigi Galantucci (IT)

Hugen Maintenance for Aircraft B.V. (NL)

Hugen Reprocessing Company Dutch Halonbank bv (NL)

INTERGEO LTD (EL)

L'HOTELLIER SAS (FR)

Martec SpA (IT)

P.U. POZ-PLISZKA Sp. z o.o. (PL)

Savi Technologie sp. z o.o. sp. k. (PL)

UTM Umwelt-Technik-Metallrecycling GmbH (DE)

*ANNEX III***GRUPP IV**

Il-kwoti ta' importazzjoni għat-tetraklorur tal-karbonju allokat lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima u aġenti tal-ipproċessar matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Abcr GmbH (DE)

ARKEMA FRANCE (FR)

Blue Cube Germany Assets GmbH & Co. KG (DE)

Ceram Optec SIA (LV)

ANNEX IV

GRUPP V

Il-kwoti tal-importazzjoni għall-1,1,1-trikloroetan allokat lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

ARKEMA FRANCE (FR)

ANNEX V

GRUPP VI

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-bromur tal-metil allokat lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Abcr GmbH (DE)

GHC Gerling, Holz & Co. Handels GmbH (DE)

ICL EUROPE COOPERATIEF U.A. (NL)

MEBROM NV (BE)

Mebrom Technology NV (BE)

SANOFI CHIMIE (FR)

Sigma-Aldrich Chemie GmbH (DE)

ANNEX VI

GRUPP VII

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-idrobromofluworokarburi allokat lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Abcr GmbH (DE)

Hovione FarmaCiencia SA (PT)

R.P. CHEM s.r.l. (IT)

SANOFI CHIMIE (FR)

Sterling Chemical Malta Limited (MT)

Sterling SpA (IT)

VALLISCOR EUROPA LIMITED (IE)

ANNEX VII

GRUPP VIII

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-idroklorofluworokarburi allokati lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Abcr GmbH (DE)

ARKEMA FRANCE (FR)

Bayer AG (DE)

Chemours Netherlands B.V. (NL)

Dyneon GmbH (DE)

GIELLE INDUSTRIES di Luigi Galantucci (IT)

Saltigo GmbH (DE)

Solvay Fluor GmbH (DE)

Solvay Specialty Polymers France SAS (FR)

Solvay Specialty Polymers Italy SpA (IT)

Tazzetti SAU (ES)

Tazzetti SpA (IT)

ANNEX VIII

GRUPP IX

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-bromoklorometan allokatu lill-importaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għal użi bħala materja prima matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kumpanija

Albemarle Europe SPRL (BE)
ICL EUROPE COOPERATIEF U.A. (NL)
LABORATORIOS MIRET S.A. (ES)
Sigma-Aldrich Chemie GmbH (DE)
VALLISCOR EUROPA LIMITED (IE)

ANNEX IX

(Tagħrif kummerċjalment sensitiv – kunfidenzjali – ma għandux jiġi ppubblikat)

—

ANNEX X

Impriżi intitolati li jipproduċu jew jimportaw għal użi fil-laboratorju u għal użi analitiċi fl-2022

Il-kwoti tas-sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw għal użi fil-laboratorji u użi analitiċi huma allokati lil:

Kumpanija
Abcr GmbH (DE)
Agilent Technologies Manufacturing GmbH & Co. KG (DE)
Air Products GmbH (DE)
ARKEMA FRANCE (FR)
Biovit d.o.o. (HR)
Daikin Refrigerants Frankfurt GmbH (DE)
FOT LTD (BG)
Freie Universität Berlin (DE)
Gedeon Richter Plc. (HU)
Hudson Technologies Europe S.r.l. (IT)
Labmix24 GmbH (DE)
LGC Standards GmbH (DE)
Neochema GmbH (DE)
Philipps-Universität Marburg (DE)
Restek France (FR)
Restek GmbH (DE)
Restek S.r.l. (IT)
Safety Hi-Tech srl (IT)
SIGMA ALDRICH CHIMIE sarl (FR)
Sigma-Aldrich Chemie GmbH (DE)
Solvay Fluor GmbH (DE)
Solvay Specialty Polymers France SAS (FR)
Solvay Specialty Polymers Italy SpA (IT)
TECHLAB SARL (FR)
Tusnovics Instruments Sp. z o.o. (PL)
ULTRA Scientific Italia srl (IT)
VALLISCOR EUROPA LIMITED (IE)

ANNEX XI

(Tagħrif kummerċjalment sensitiv – kunfidenzjali – ma għandux jiġi ppubblikat)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2258**tal-14 ta' Diċembru 2021****dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Green VAT - VAT Ekoloġiku tal-UE biex jstimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi” skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2021) 9041)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Novembru 2021 ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Green VAT — VAT Ekoloġiku tal-UE biex jstimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi”.
- (2) L-objettiv tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa “Tnaqqis tar-rata tal-VAT għal prodotti u servizzi ekoloġiċi”.
- (3) L-anness jipprova aktar dettalji dwar is-suġġett, l-għan u l-isfond tal-inizjattiva. Huwa jispjega li l-organizzaturi jappellaw lill-Kummissjoni biex tibda tnaqqis fit-taxxa fl-Ewropa għal prodotti ekoloġiċi, manifatturati b'mod sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, sabiex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jappoġġaw b'mod attiv il-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent. Huwa jiddikjara wkoll li t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tkun disponibbli għal kull gvern fl-Unjoni bħala għodda ta' politika fiskali u li rekwiżit korrispondenti tal-Unjoni jkollu jiġi implimentat mill-Istati Membri. Huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tista' tuża l-flessibilizzazzjoni tar-rati tal-VAT, deċiżi mill-Kunsill ECOFIN fis-sajf tal-2021, bħala bażi għall-VAT Ekoloġiku.
- (4) Billi l-inizjattiva għandha l-iskop tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar it-taxxi fuq il-fatturat, sa fejn tali armonizzazzjoni hija meħtieġa biex tiżgura l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u biex tevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposta għal att legali abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat.
- (5) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (6) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet fattwali u sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà u l-kompatibilità mad-drittijiet fundamentali, jkunux issodisfati f'dan il-każ.
- (7) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

- (8) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata “Green VAT — VAT Ekoloġiku tal-UE biex jistimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi” tiġi rreġistrata.
- (10) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati bl-ebda mod ma timplika li l-Kummissjoni tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta’ organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista’ jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Green VAT — VAT Ekoloġiku tal-UE biex jistimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata “Green VAT — VAT Ekoloġiku tal-UE biex jistimula prodotti u servizzi sostenibbli u ekoloġiċi”, irrappreżentat mis-Sa Nadine STÄDTNER u s-Sa Karolina PROTAS li jaġixxu bħala persuni ta’ kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta’ Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Vċi President

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)